MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Frar, 2011

Numru 301/2011

Il-Pulizija
(Spettur Victor Aquilina)

vs

Clayton Mazzitelli
Ludwig Cuschieri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ numru 448584(M) u 450285(M) rispettivament, akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer fit-22 ta’ Jannar 2011 u fix-xahrejn ta’ qabel din id-data;

1) fornew jew ipprokuraw jew offrew li jfornu jew li jipprokuraw d-droga *herojina*, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza, dwar il-Medicni Perikoluzi, Kap. 101 tal-ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i, jew ghall-persuna/i, minghajr ma' kellhom licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr

ma' kienu awtorizzati bir-regoli tal-1939, ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939), jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta, li jfornu d-droga msemmija, minghajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-6 taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellhom licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija u minghajr ma' kellhom licenzja li jipprokuraw l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939, ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) kellhom fil-pussess taghhom id-droga (*herojina*) specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw, jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienux b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom id-droga msemmija fil-pussess taghhom u naqsu li jipprovaw li d-droga imsemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond ir-ricetta kif provduta fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall uzu esklussiv taghhom ;

3) kellhom fil-pussess taghhom fit-22 ta’ Jannar 2011 u fl-erba snin ta’ qabel id-droga (*herojina*) specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li

jimmanifatturaw, jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienux b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom id-droga msemmija fil-pussess taghhom u naqsu li jipprovaw li d-droga imsemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond ir-ricetta kif provduta fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba sabiex f’kaz ta htija  tordna lill-imputati sabiex ihallsu lir-Registratur, l-ispejjes kollha jew parti minnhom li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta l-esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk ta l-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal ta’ l-inkjesta, f’dak iz-zmien w f’dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni ai termini tal-artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet l-imputati f’din l-ewwel udjenza mal-prezentata jammettu l-akkuzi, fl-liema ammissjoni huma insistew anka wara li l-Qorti tathom zmien jirrikonsidraw.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputati ssibhom hatja tal-akkuzi dedotti. Rat ghal finijiet ta’ piena l-Artikolu 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 tikkundannahom, kull wiehed minnhom ghal sena u tlett xhur prigunerija u multa kull wiehed ta’ €500 dwar liema l-Qorti qeghdha tikkoncedi zmien lil kull imputat li jhallashom b’pagamenti ta’ €50 fix-xahar, konsekuttivi u sussegwenti, u bid-dekadenza tal-beneficcju fin-nuqqas anke ta’ pagament wiehed, liema pagamenti ratejali jibdew jithallsu minn xahrejn wara li jkunu skontaw il-piena.

Tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------